MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66/8 (Kontinwazzjoni tal-Laqgha Nru 65/8)

It-Tnejn 21 ta` Frar 2022

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

066.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

066.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 64/8 [18/01/2022]

066.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

066.4 Europe for Citizens Project: YOUNITED;

066.5 Tigdid tal-Kuntratt tal-Ufficjal Ezekuttiv (Skala 13);

066.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

066.7 Rapporti;

066.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
   a. Triq iż-Żebbuġa – progress
   b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
   c. Ġnien Raymond Caruana – progress
   d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh

066.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

066.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filghaxija (5:40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 066.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-kunsilliera M Micallef u l-kunsillier MA Sammut talbu sabiex jigu skuzati. Dawk prezenti accettaw l-apologija.

5.45pm Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li tlett resident talbu sabiex jattendu ghall-laqgha tal-Kunsill u talbet sabiex il-laqgha tigi fi stadju ta` kumitat sabiex il-Kunsill jisma` l-intervent tar-residenti.

6.10pm Is-Sindku talbet sabiex l-isqaq nru 3 fi Triq Santa Katerina jsir l-istess bhal isqaq l-iehor li sar bil-pavimentar fi Triq Santa Katerina. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

066.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 64/8 [18/01/2022]**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 64/8 nem con.

066.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

066.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-avveniment tal-Earth Hours li ser tigi ccelebrata fis-26 ta` Marzu 2022. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa ghal din l-inizjattiva billi jintefa` dawl tal-bini tal-Kunsill u l-Knisja Parrokjali.

066.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-proposta sabiex titella` l-attivita taz-zmien l-Ghid giet approvata mir-Regjun Nofsinhar u ser jinghataw il-fondi biex din isir. Is-Sindku talbet sabiex isiru l-arrangamenti neccessarji minn naha tal-Kunsill flimkien mall-Arcipriet.

066.3.3 Is-Sindku prezentat talba li waslet minghand resident biex isiru zewg sleeping policeman fi Triq Burglat. Il-Kunsill approva biex dawn isiru.

066.3.4 Giet prezentata l-applikazzjoni tal-Urban Greening sabiex il-Kunsill ikun jista` japplika ghall-fondi biex jsiru xi xoghlijiet u tisbih fiz-zona tal-Housing Estate tal-Mithna. Dawk prezenti qabblu li Kunsill japplika ghal din l-skema.

066.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti, li l-Kunsill gie kkuntatjat mill-kuntrattur li ser jipprovdi l-ghalf tal-hamiem biex dan jigi sterlizzat. Is-Sindku proponiet li jsir tank b`dan l-ghalf fuq il-bejt tal-Knisja. Il-Kunsillier S Caruana propona li tintbghat karta lir-residenti ta` Triq San Ciru sabiex il-Kunsill jara min huwa nteressat li jaghmel it-tank fuq il-bejt tar-residenza tieghu peress li dik iz-zona hija l-aktar milqugha. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

066.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Youth Exchange li ser isir gewwa Spanja bejn l-21 u 27 ta` Marzu 2022, fejn il-Kunsill irid itella` hames zghazagh jirraprezentaw il-Gudja. Il-Kunsillier S

Caruana propona li nkellmu lill-grupp zghazagh Gudja u gruppi ohra fil-Gudja ta` zghazagh sabiex naraw min huwa nteressat li jattendi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

063.3.7 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-applikazzjoni tal-Mizura 4.3 sabiex isiru xoghlijiet infrastruturali f`toroq fil-kampanja, fejn fosthom hemm: Sqaq il-Logga, Sqaq Caghki, trejqa f`Ta` Torba u Trejqa f`Ta` l-Gholljiet u trejqa f`tal-Mithna. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill japplika ghal dawn l-fondi sabiex isiru dawn it-toroq. Il-Kunsillier S Caruana qal li trejqa ta` wara l-ground ghandha tifi kkunsidrata biex din ma tintmisx u tibqa` bil-mod karateristiku taghhom. Is-Sindku u l-Vici Sindku qabblu li l-Kunsill japplika ghal dawn it-toroq kollha.

063.3.8 Giet prezentata Skema *SPI.SCI.2.2022: Community Inclusive Employment Scheme 2022*, fejn dawk prezenti approvaw li l-Kunsill japplika ghal din l-skema sabiex jigi mpjegat haddiem fuq bazi part time mall-Kunsill taht din l-iskema u li ser jifinazzja l-parti finanzjarja tieghu.

063.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li jridu jsiru minhabba xoghlijiet relatati mall-cable ta` dawl fi Gnien Raymond Caruana, fejn gew prezentati zewg kwotazzjonijiet u l-Kunsill qabel li jmur ghal irhas offerta.

063.3.10 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Perit tal-Kunsill dwar il-minuti li ttiehdu relatat mas-smigh li sar fil-PA rigward PA/06010/21.

063.3.11 Giet prezentata korrispondenza relatat mall-applikazzjoni li l-Kunsill ghamel mall-Lands Authority minhabba l-progett tal-Open Air Gym fi Vjal it-Torri c/w Triq il-Palazz.

063.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-maghqqad tal-ilma li qed izomm fid-dahla ta` Gnien il-Qari, fejn is-Sindku qalet li l-perit ta` IM ma kienx tah risposta lura meta ser isir ix-xoghol mehtieg u ghalhekk proponiet li xoghol isir mill-Kunsill biex jigi elimat kull inkonvenjent. Il-Kunsillier S Caruana ogezzjona li l-ispiza ssir mill-Kunsill ghax ix-xoghol sar hazin minn naha tal-Kuntrattur ta` IM. Is-Sindku qalet li fl-ahhar laqgha, il-Kunsill kien qabel li jekk l-Kunsill ma jircievi xejn mill-Perit ta` IM, ix-xoghol isir mill-Kunsill. Il-Vici Sindku qabel ma` dak li ntqal mis-Sindku.

066.4 **Europe for Citizens Project: YOUNITED**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-konferenza li l-Kunsill ser jorganizza gewwa Malta tal-progett Younited. Is-Sindku proponiet li l-konferenza ssir bejn it-2 u 6 ta` Mejju 2022. Ghal din il-konferenza ser jattendu madwar ghoxrin delegat minn hames pajjizi differenti. Is-Sindku tablet sabiex jibdew isiru l-preparamenti mehtiega ghal dan l-avveniment. Dawk prezenti qabblu mad-dati proposti.

**Tigdid tal-Kuntratt tal-Ufficjal Ezekuttiv (Skala 13)**

066.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-impjieg tas-Sinjorina A Camilleri, Ufficjal Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali tal-Gudja fejn talbet sabiex il-Kunsill japprova tigdid tal-kuntratt taghha u dan wara li giet evalwata l-hidma taghha fil-perjodu ta` probation. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

066.6 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

066.6.1 Il-Vici Sindku talab sabiex isir junction box fejn l-istatwa ta` San Guzepp.

066.6.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jitressaq il-pole li sar fi Triq San Ciru fuq il-bankina.

066.6.3 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex titnehha zebgha minn mall-hitan fi Triq Bir Miftuh.

066.3.4 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tigi rrangata l-bankina ta` Triq il-Lewz.

066.3.5 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isiru tabelli fl-isqaqien kollha bhat-tabella li saret fi Sqaq fi Triq il-Kbira.

066.3.6 Il-Kunsillier S Caruana talab ghamel referenza ghall-fanal li twehhel mall-Palazz ta` Bettina sabiex ninfurmaw lil entita kkoncernata dwar dan.

066.3.7 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jiccekja mall-perit dwar ix-xoghlijiet tal-hitan tas-sejjieh li qed isir fi Gnien il-Qari sabiex jara li xoghol qed isir skond is-sena.

066.7 **Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti.

066.8 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**

**c. Ġnien Raymond Caruana – progress**
**d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh**

066.9 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-lista ta' pagamenti nru 34/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €25,866.12 u ġiet approvata nem con.

066.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis- sebgha u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 29 ta` Marzu 2022 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum _______________________

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv

056.8

056.9